MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2010

Appell Civili Numru. 41/2008/1

**Rikors kostituzzjonali nru 41/2008**

**Joseph Muscat**
***versus***
**Prim Ministru; Ministru tal-Ġustizzja; u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell minn sentenza li sabet illi l-istitut tal-arbitraġġ obbligatorju jikser il-jedd għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk: l-attur Joseph Muscat kien imfittex minn terzi għal danni mġarrba f'inċident tat-traffiku. Kif irid l-art. 15(11) tal-Att dwar l-Arbitraġġ ["Kap. 387"], it-tilwima tressqet mill-parti l-oħra quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta ["iċ-Ċentru"]. Billi l-partijiet ma ftehmux dwar il-ħatra ta' arbitru, dan inħatar miċ-*chairman* taċ-Ċentru taħt l-art. 20(2) tal-Kap. 387. Fl-ewwel dehra quddiem l-arbitru, iżda, l-attur irrifjuta li joqgħod għall-ġurisdizzjoni tiegħu għax deherlu illi l-art. 15(11) tal-Kap. 387 u l-Avviż Legali 275 tal-2005 (li żied it-tilwimiet dwar it-traffiku bil-mutur mal-lista ta' tilwimiet li għandhom jiġu determinati b'arbitraġġ) imorru kontra dak li jgħidu u jridu l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostrutuzzjoni"] u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"].

3. Joseph Muscat, għalhekk, b'rikors tal-25 ta' Lulju 2008 fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti, wara li tgħid illi (l-Avviz Legali 275 tal-2005 u l-Artikolu 15(11) tal-Kap. 387 imorru kontra l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni), tordna li jieqaf il-proċess ta' arbitraġġ kontra l-attur u tagħti r-rimedji u d-direttivi li jidhrulha xierqa u meħtieġa sabiex jitħarsu l-jeddijiet fundamentali tiegħu.

4. It-tliet konvenuti wieġbu fl-1 ta' Awissu 2008. Ressqu dawn l-eċċezzjonijiet: (i) illi l-Prim Ministru ma huwiex kontradittur leġittimu; (ii) illi l-attur ma għandux interess ġuridiku dirett u attwali fl-azzjoni tallum; u (iii) illi, fil-meritu, ma huwiex minnu illi l-Avviż Legali 279 tal-2005 u l-art. 15(11) tal-Kap. 387 imorru b'xi mod kontra dak li jgħidu u jridu l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

5. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju 2009 il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u laqgħet it-talbiet tal-attur wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

5.1. dwar l-eċċezzjoni li l-Prim Ministru ma huwiex kontradittur leġittimu:

"Illi l-intimati jikkontendu preliminarjament li l-Prim Ministru mhux il-leġittimu kontradittur u japplika l-art. 181B tal-Kap. 12. Skond l-art. 181B(1) il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, u fis-

sub-inċiż (2) il-ligi tipprovvdi li l-Avukat Ġenerali għandu jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern.

… … …

"Illi fil-każ li għandna quddiemna r-rikorrenti qegħdin jattakkaw il-liġi bħala l-għajn li minnha jinħoloq il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom. F'din l-ipoteżi, il-Gvern irid iwieġeb u jirrimedja u f'dan ir-rigward l-ebda kap ta' dipartiment ma jista' jidħol minflok il-Gvern li jirrappreżenta."

5.2. dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku:

"Fil-każ in eżami r-rikorrent qed isostni li d-dritt tiegħu għal qorti li kull ċittadin igawdi qed jiġi mċaħħad minnu billi qed jiġi mġiegħel jissoġġetta ruhu għal arbitraġġ sfurzat li ma joffrix garanziji xierqa ta' indipendenza u imparzjalità speċjalment fejn qed jiġi impost arbitru mhux maqbul bejn il-partijiet. Ir-rikorrent f'dan il-każ għandu interess attwali li jippromuovi dina l-azzjoni billi hija l-liġi stess fiha infisha, kif inhi, u mhux l-applikazzjoni tagħha fil-każ partikolari, li qiegħda ċċaħħdu mid-dritt għal qorti imparzjali u indipendenti."

5.3. dwar il-meritu:

"Fil-każ in eżami l-arbitraġġ li r-rikorrent qed jilmenta minnu hu wieħed impost mill-leġislatur u mhux wieħed li l-partijiet setgħu għażlu volontarjament; b'hekk huma qed jiġu mċaħħda mid-dritt li jadixxu l-qorti ordinarja biex tiddetermina t-tilwima tagħhom. Is-sistema li l-leġislatur kellu joffri kellha tkun waħda ta' tribunal indipendenti u imparzjali kif tirrikjedi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.

"Din il-qorti għalhekk se teżamina jekk fil-fatt it-tribunal tal-arbitraġġ mandatorju jagħtix dawn il-garanziji.

"**Tribunal Indipendenti**

"Il-Qorti Ewropea kemm il-darba affermat il-prinċipju li:

""In determining whether a body can be considered to be "independent" – notably of the executive and of the parties to the case – the Court has to have regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an

appearance of independence" (sentenzi Le Compte; Piersack; Delcourt).

"L-intimati jikkontendu li t-tribunal tal-arbitraġġ iwettaq il-funzjonijiet tiegħu fil-parametri tal-liġi u l-arbitru mhux sottomess għall-pjaċir taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ. Iċ-*Chairman* għandu l-parametri ta' kif għandu jagħmel l-għażla (art. 20(4) tal-Kap. 387) u r-regolamenti jipprovdu s-salvagwardji sabiex arbitru jaqdi d-dmirijiet tiegħu skond il-liġi. (ara 23, 24).

"Fil-każ preżenti, għal dak li jirrigwarda l-komposizzjoni tat-tribunal ta' arbitraġġ dan hu magħmul minn arbitru wieħed, jew, jekk iridu l-partijiet, minn tliet arbitri. Dawn l-arbitri jiġu maħtura minn grupp ta' arbitri li huma magħżula miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ. Għalhekk litigant irid jagħżel minn dan il-grupp ta' arbitri u jekk ma jkunx hemm qbil dwar l-għażla ta' arbitru n-nomina tal-arbitru ssir miċ-*chairman* taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ u d-deċiżjoni tiegħu*"*tkun finali u konklużiva*"* (art. 20(3) tal-Kap. 387).

"Għalhekk fl-aħħar mill-aħħar il-litigant ma tantx għandu għażla wiesa' fl-arbitru li jista' jintgħażel.

"Iċ-*chairman* taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta hu mpoġġi f'dik il-kariga mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja (art. 4(2)) għal perjodu ta' sitt snin (Art. 6).

"Bħall-membri l-oħra taċ-Ċentru, hu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu skond l-arbitriju individwali tiegħu u mhux suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra (art. 4(4)). Huwa eliġibbli għal ħatra mill-ġdid meta jintemm iż-żmien tal-ħatra tiegħu (art. 6(1)).

"Meta jiġi biex jagħmel il-ħatra ta' arbitru, iċ-*Chairman* iqis kull ħaġa li x'aktarx tiżgura l-ħatra ta' arbitru indipendenti u imparzjali, u l-membri tal-Gruppi ta' Arbitraġġ Domestiku mwaqqfa skond il-liġi (art. 20(4)).

"Il-persuna li tiġi appuntata bħala arbitru tista' titneħħa mill-grupp ta' arbitri miċ-Ċentru "f'kull żmien", b'dan però li t-tneħħija ma tkunx torbot xi proċedimenti ta' arbitraġġ li huwa jkun seta' diġà ġie maħtur fihom (art. 10(2)(6)).

"Skond dawn ir-regolamenti l-arbitru fil-fatt hu soġġett ukoll għall-proċeduri ta' dixxiplina li huma eżerċitati miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ. *Inoltre* l-Avviż Legali 421 tal-2004 jagħti lir-Reġistratur taċ-Ċentru poteri wiesa' ħafna biex jikkontrolla l-mod kif l-arbitru jmexxi l-proċedimenti. Biss biss l-art. 72 jagħti l-poter lir-reġistratur biex jindaħal fl-

immaniġġar tal-proċedimenti mill-arbitru jekk hu jħoss li dana ma jkunx qed jimmaniġġja b'mod effiċjenti l-proċeduri. *Inoltre* fis-sub-para. 6(*b*) tal-istess art. 72, il-Bord taċ-Ċentru għandu l-poter li jneħħi lill-arbitru mill-arbitraġġ anke minn każ li jkun qed jinstema' quddiemu jekk dan ma jkunx qed jimxi mal-proċedura u ordinijiet tar-Reġistratur.

"L-arbitru għalhekk huwa sottomess għal deċiżjoni taċ-Ċentru u hu ċ-Ċentru, jew aħjar, iċ-*Chairman*, li jista' jiddeċiedi, għal raġuni hi x'inhi, jaħtarx persuna bħala arbitru jew jerġax jinnominah fuq każ ieħor. Għalhekk mhux biss in-nomina ta' persuna biex isservi bħala arbitru hija għażla soġġettiva taċ-Ċentru, iżda, aktar minn hekk, jekk dik il-persuna tibqax titqies bħala mistħoqqa biex terġa' tingħażel jiddependi ħafna fuq apprezzament soġġettiv taċ-*Chairman* u taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ.

"L-arbitru ma jgawdi ebda *security of tenure*. Hu m'għandu ebda terminu fiss a differenza, per eżempju, ta' ġudikatur fit-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar. L-arbitru magħżul għal każijiet speċifiċi u jista' ma jintgħażel qatt aktar biex iservi ta' arbitru jekk ma jingħoġobx.

"Huwa veru li anke ġudikant f'qorti jista' jiġi nominat għal perijodu fiss (ara per eżempju l-Imħallfin tal-Qorti Ewropea) iżda dan hu aċċettat basta li "during that period there is security of tenure which guarantees against interference by the executive in a discretionary or arbitrary manner", (Clancy vs Robin Dempsey Caird u Brincat vs A.Ġ. 4 ta' April 2000). Il-ġudikatur tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar hu appuntat għal perjodu fiss, mhux renovabbli, u f'dak il-perjodu għandu *security of tenure* u ma jistax jitneħħa ħlief skond kif jipprovvdi l-art. 97(2) tal-Kostituzzjoni (ara art. 4(6) tal-Kap. 380).

"Huwa minnu li ġudikant jiddependi, għall-ħatra tiegħu, ftit jew wisq, mill-eserċizzju tad-diskrezzjoni soġġettiva tal-Gvern tal-ġurnata, pero', darba maħtur, kull Imħallef u Maġistrat jgawdi minn *"security of tenure"*, b'mod li ma jistax jitneħħa mill-kariga jekk mhux minħabba inkapaċità pruvata u bi qbil ta' żewġ terzi tal-membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

"L-intimati ssottomettew ukoll li, f'kull każ, r-rikorrent għandu dritt jirrikorri quddiem Qorti billi hu jista' jappella mid-deċiżjoni arbitrali. Il-Qorti tirrileva li hu veru li l-liġi

tipprovvdi dan id-dritt ta' appell iżda l-appell hu wieħed limitat għal punt ta' liġi. Ir-rikorrent fil-proċeduri t'arbitraġġ, m'għandux il-fakoltà li l-każ tiegħu jiġi mistħarreġ minn Qorti mil-lati kollha tagħha imma biss fuq punt ta' liġi. Ma hemm xejn irregolari li liġi tipprovdi appell limitat fil-każ ta' min volontarjament jagħżel li jkollu l-każ tiegħu mistħarreġ minn arbitru, iżda l-każ m'għandux ikun hekk meta persuna tiġi mġiegħla toqgħod għal arbitraġġ mandatorju u sfurzat, u l-każ kollu kemm hu, f'xi stadju, ma' jiġix mistħarreġ minn Qorti indipendenti u imparzjali. Kif ġie deċiż: "Where claims may be put before a court but the court does not have full jurisdiction over the facts and legal issues in the case, there may be a denial of access to court. (Terra Woningen BV v Netherlands 1996).

"Fil-fehma tal-Qorti għalhekk, fil-każ ta' arbitraġġ mandatorju, meta wieħed jikkunsidra dana kollu kif ukoll u li l-ħatra ta' arbitru u jekk jaqdix il-funzjoni tiegħu jew le tiddependi miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ, li da parti tiegħu ftit jew wisq hu taht il-kontroll tal-Ministru tal-Ġustizzja, dawn il-provvedimenti tal-Kap. 387 ma jagħtux garanzija xierqa u oġġettiva ta' indipendenza fit-Tribunal tal-Arbitraġġ partikolarment meta l-arbitru ma jkunx maqbul mill-partijiet.

"**Tribunal Imparzjali**

"Tribunal, apparti li jkun indipendenti jrid ukoll ikun imparzjali. Kif qalet il-Qorti Ewropea: "As regards 'impartiality' the Court pointed out that the existence of impartiality for the purposes of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect". (Saraiva de Carvalho vs Portugal (1994) Fey vs Austria (1993)).

""In this context appearances have a role to play… In deciding whether there is a legitimate reason to fear that a court lacks independence or impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified". (Coeme & Others vs Belgium 2000).

“Il-parzjalità soġġettiva hija l-konvinċiment partikolari tal-ġudikant li jkun. Il-presunżjoni hija li ġudikant huwa imparzjali sakemm ma jintweriex mod ieħor (Le Compte). Għalhekk min jallega l-parzjalità jrid jipprovaha. Fil-każ in eżami r-rikorrent mhux qed jallega li ntweriet xi parzjalità soġġettiva da parti tal-arbitru nominat.
“Il-parzjalità oġġettiva hija dika fejn il-ġudikant ma jagħtix garanziji biżżejjed li jneħħi kull dubbju leġittimu li l-konvinċiment personali tiegħu fil-każ ma kienx wieħed suspett.
“Skond il-Qorti Ewropea: “The objective approach refers to the question of whether the way in which the tribunal is composed and organized, or a certain coincidence or succession of functions of one or more of its members, may give rise to doubt as to the impartiality of the tribunal or that member. If there is justified reason for such doubt, even if subjectively there is no concrete indication of bias of the person in question, this already amounts to inadmissible jeopardy of the confidence which the court must inspire in a democratic society”. (Piersack, De Cubber; Saraiva de Carvalho; Morris u Kleyn and others judgments).
“Fil-każ preżenti, minn dak li ntqal jeżistu dubbji ġustifikati dwar il-parzjalità oġġettiva tat-Tribunal tal-arbitraġġ kemm fir-rigward ta’ kif inhu kompost u organizzat kif ukoll dwar il-ħatra u t-tneħħija tal-arbitri.
“Fil-każ in eżami s-sistema alternattiv ta’ risoluzzjoni ta’ tilwim bejn partijiet li impona l-leġislatur ma ħalliex għażla lill-partijiet imorrux għall-arbitraġġ jew le għalhekk minħabba n-nuqqas ta’ garanziji li l-Qorti rravviżat il-fiduċja tal-partijiet li jidhru quddiem dak it-tribunal tista’ tiġi mxellfa jekk mhux tispiċċa għal kollox. Fin-nuqqas ta’ sistema li tagħti dawn l-garanziji xierqa, każijiet bħal dawn għandhom jibqgħu jiġu mistħarrġa mill-qrati ordinarji li jagħtu l-garanziji soliti ta’ indipendenza u imparzjalità.”
6. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b’rikors tal-15 ta’ Ġunju 2009. L-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti jolqot id-deċiżjoni illi l-Prim Ministru kien imħarrek sew.
*Dwar l-eċċezzjoni li l-Prim Ministru ma huwiex kontradittur leġittimu*

7. Dan l-aggravju huwa ġustifikat. Is-sentenza appellata tgħid, sewwa, illi fil-kawża tallum "il-Gvern irid iwieġeb u jirrimedja u f'dan ir-rigward l-ebda kap ta' dipartiment ma jista' jidħol minflok il-Gvern li jirrappreżenta". Iżda l-liġi tipprovdi speċifikament, fl-art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, illi huwa l-Avukat Ġenerali, mhux il-Prim Ministru li "jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern".

8. L-eċċezzjoni, għalhekk, kellha tintlaqa', u l-Prim Ministru kellu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

*Dwar il-meritu*

9. Ma tressaq ebda aggravju dwar id-deċiżjoni illi l-atturi għandhom interess ġuridiku biex imexxu bl-azzjoni tallum, u t-tieni aggravju tal-konvenuti jolqot id-deċiżjoni dwar il-meritu. Il-konvenuti essenzjalment igħidu illi t-tribunal ta' arbitraġġ, ukoll fil-każ ta' arbitraġġ obbligatorju, għandu jitqies "awtorità ġudikanti mwaqqfa b'liġi" għall-għanijiet tal-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni, u "tribunal" għall-għanijiet tal-art. 6 tal-Konvenzjoni, illi huwa impazjali u indipendenti, u illi jħares dak kollu li jgħidu u jridu l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

10. Ma huwiex kontestat illi t-tribunal ta' arbitraġġ huwa tassew "tribunal" jew "awtorità ġudikanti" għall-għanijiet tal-liġi. Li l-liġi tkun trid illi ċerti tilwimiet, jew klassijiet ta' tilwimiet, ikunu deċiżi mhux mill-qrati ordinarji iżda minn tribunali speċjali ma hijiex, fiha nfisha, ħaġa li tmur kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni. Anzi, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stess osservat illi "Article 6 § 1 of the Convention imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that their courts can meet the requirements of this provision"[1], u t-twaqqif ta' tribunali speċjali għal ċerti klassijiet ta' tilwimiet jista' jkun mod kif l-istati jwettqu l-obbligu li jorganizzaw is-sistema ġudizzjarju tagħhom biex il-qrati ordinarji jinħelsu minn numru ta' kawżi u hekk jkunu jistgħu jisimgħu u jaqtgħu b'aktar ħeffa kawżi oħra ta' aktar gravità jew importanza. Meta tqis illi t-tilwimiet milquta bil-każ tallum huma dawk dwar ħabtiet bejn vetturi

---

[1] BOTTAZZI *v.* L-ITALJA, 28 ta' Lulju 1999 (rikors numru 34884/97), para. 22.

tal-mutur, fejn il-valur ma jaqbiżx il-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) u fejn ma jkunx hemm ukoll leżjonjiet personali, ikun raġonevoli li tgħid illi dawn huma tilwimiet x'aktarx numerużi – u li għalhekk itaqqlu s-sistema ġudizzjarju – iżda ta' importanza relativament modesta, u għalhekk huma klassi ta' tilwimiet li huwa raġonevoli li jinħarġu mis-sistema ġudizzjarju ordinarju fl-interess tal-effiċjenza fl-użu ta' riżorsi limitati. Dan qiegħed jingħad biex juri għala din il-qorti hija tal-fehma illi ma għandhiex *ab initio* tħares b'antagoniżmu lejn it-twaqqif ta' tribunali bħal dak ta' arbitraġġ.

11. Naturalment, dan kollu għandu jsir b'ħarsien sħiħ tal-jedd għal smigħ xieraq u għalhekk it-tribunal ta' arbitraġġ għandu joffri l-istess garanziji ta' indipendenza u imparzjalità li jagħtu l-qrati ordinarji, jew għall-inqas ikun soġġett għal reviżjoni minn tribunal li jagħti dawk il-garanziji[2]. Dan ma huwiex kontestat mill-konvenuti appellanti.

*Dwar jekk it-tribunal tal-arbitraġġ huwiex tribunal indipendenti*

12. L-ewwel qorti, wara li qieset il-mod kif jinħatar l-arbitru, il-garanziji kontra indħil fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu u l-kwistjoni dwar *security of tenure*, waslet għall-konklużjoni li t-tribunal tal-arbitraġġ ma huwiex tribunal indipendenti.

13. L-arbitru, meta, bħal fil-każ tallum, ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet, jinħatar miċ-*chairman* taċ-Ċentru minn fost grupp ta' arbitri magħżula mill-istess Ċentru. Iċ-*chairman* innifsu huwa maħtur mill-gvern esekuttiv. L-ewwel qorti osservat illi ċ-*chairman* għandu setgħat fuq l-arbitru mhux biss għax għandu s-setgħa li ma jerġax jaħtru biex jisma' każ ieħor iżda wkoll għandu setgħat ta' dixxiplina, ta' indħil fit-tmexxija tal-proċeduri u, f'każijiet eċċezzjonali, ukoll li jneħħih minn fuq każ partikolari. Dawn is-setgħat, tgħid l-ewwel qorti, idgħajjfu l-indipendenza tat-tribunal b'mod li ma jħallux li jkun tribunal indipendenti kif trid il-liġi.

---

2 Ara ALBERT u LE COMPTE *v.* IL-BELĠJU, 10 ta' Frar 1983 (rikors numru 7299/75 u 7496/76), para. 29.

14. Barra minn hekk, tkompli tgħid l-ewwel qorti, appell mid-deċiżjonijiet tat-tribunal lill-Qorti tal-Appell jista' jsir biss fuq punt ta' liġi u għalhekk it-tribunal ma huwiex soġġett għal kontroll minn awtorità ġudikanti oħra li għandha l-indipendenza li l-ewwel qorti sabet nieqsa fit-tribunal.

15. F'dan l-istadju tajjeb li naraw sewwasew x'inhuma d-disposizzjonijiet tal-liġi fil-Kap. 387 li jagħtu liċ-*chairman* taċ-Ċentru dawk is-setgħat li l-ewwel qorti sabet li jnaqqsu l-indipendenza tat-tribunal tal-arbitraġġi, kif ukoll dawk id-disposizzjonjiet li huma relevanti għall-għażla ta' arbitru f'każ partikolari u t-tneħħija tiegħu, u wkoll għall-ħarsien tal-indipendenza tiegħu:

**4.** (1) Jitwaqqaf Bord li jkun responsabbli għall-politika u għall-amministrazzjoni ġenerali ta' l-affarijiet u x-xogħol taċ-Ċentru.

… … …

(3) Il-Ministru jagħżel il-membri tal-Bord minn fost persuni li jidhirlu li jkunu kwalifikati għaldaqshekk minħabba f 'li kellhom esperjenza u jkunu urew ħila fi ħwejjeġ li kellhom x'jaqsmu ma' arbitraġġ internazzjonali jew domestiku, konċiljazzjoni u arranġament ta' tilwim, kummerċ internazzjonali, negozju, industrija, investimenti u affarijiet marittimi.

(4) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan 1-Att il-membri kollha tal-Bord għandhom iwettqu l-funzjonijiet tagħħom skond l-arbitriju individwali taghhom u m'għandhomx ikunu suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra.

… … …

**10.** (2) Iċ-Ċentru jista', minn żmien għal żmien, jaħtar gruppi ta' arbitri għal arbitraġġi domestiċi … … …

(3) Il-gruppi ta' arbitraġġ domestiku jistgħu jinħatru dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ, assigurazzjoni, kolliżjonijiet tat-traffiku, kostruzzjoni ta' bini, is-settur marittimu u kull qasam ieħor li ċ-Ċentru minn żmien għal żmien jista' jqis li jkun spedjenti. Il-gruppi jintgħamlu minn fost persuni li fil-fehma taċ-Ċentru jkollhom kwalifiki tajba biex iwettqu d-dmirijiet u l-funzjonijiet ta' arbitri f'xi qasam partikolari ta' perizja.

… … …

(6) Persuna tista' titneħħa minn xi grupp ta' arbitri miċ-Ċentru f'kull żmien, u persuna tista' f'kull żmien tirriżenja permezz ta' ittra li tiġi indirizzata lir-Reġistratur:

Iżda kull tneħħija jew riżenja bħal dik ma għandhomx jitqiesu li jinkludu t-tneħħija jew ir-riżenja ta' dik il-persuna minn xi proċedimenti ta' arbitraġġ li huwa jkun seta' diġà ġie maħtur fihom qabel it-tneħħija jew ir-riżenja tiegħu.

… … …

**20.** (3) Iċ-*Chairman* għandu, fuq talba ta' xi parti, jaħtar l-uniku arbitru kemm jista' jkun malajr; id-deċiżjoni tiegħu tkun finali u konklużiva.

(4) Meta jkun qiegħed jagħmel il-ħatra, iċ-*Chairman* għandu jqis kull ħaġa li x'aktarx tiżgura l-ħatra ta' arbitru indipendenti u imparzjali u l-membri tal-Gruppi ta' Arbitraġġ Domestiku mwaqqfa bl-artikolu 10(2).

… … …

**23.** (1) Persuna li jkellmuha bħala arbitru prospettiv għandha tiżvela lil min ikellimha dwar il-possibiltà li tinħatar arbitru kull ħaġa li x'aktarx tnissel dubbji ġustifikabbli dwar l-imparzjalità jew l-indipendenza tagħha.

(2) Ġaladarba arbitru jkun inħatar jew intgħażel, huwa għandu jiżvela kull ħaġa msemmija fis-subartikolu ta' qabel lill-partijiet kemm-il darba huma ma jkunux qabel ġew mgħarrfa b'dawn l-affarijiet minnu stess.

**24.** (1) Arbitru jista' jiġi rikużat jekk ikun hemm xi ħaġa li tnissel dubbju ġustifikabbli dwar l-imparzjalità jew l-indipendenza ta' dak l-arbitru.

(2) Parti tista' tirrikuża lil dak l-arbitru li hija tkun ħatret biss meta jkun hemm raġunijiet li hija ssir taf bihom wara li tkun saret il-ħatra.

**25.** (1) Meta parti jkollha ħsieb li tirrikuża arbitru din għandha tagħti avviż tar-rikuża tiegħu fi żmien ħmistax-il jum wara li l-ħatra tal-arbitru rikużat tkun ġiet notifikata lill-parti rikużanti jew fi żmien ħmistax-il jum wara li ċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikoli 23 u 24 ikunu saru magħrufa minn dik il-parti.

(2) Ir-rikuża għandha tiġi notifikata lir-Reġistratur, lill-parti l-oħra, lill-arbitru li jkun qiegħed jiġi rikużat u lill-membri l-oħra tat-tribunal tal-arbitraġġ. L-avviż għandu jsir bil-miktub u għandu jkun fih ukoll ir-raġunijiet għaliex tkun qiegħda ssir dik ir-rikuża.

(3) Meta arbitru jkun ġie rikużat minn parti waħda l-parti l-oħra tista' taqbel ma' dik ir-rikuża. L-arbitru jista' wkoll, wara r-rikuża, jirtira mill-kariga tiegħu. Dan ma jkun ifisser f'ebda każ li wieħed ikun qiegħed jaċċetta l-validità tar-raġunijiet miġjuba għal dik ir-rikuża. … … …

**26.** (1) Jekk il-parti l-oħra ma taqbilx mar-rikuża u l-arbitru rikużat ma jirtirax, id-deċiżjoni fuq dik ir-rikuża għandha tittieħed miċ-*Chairman*, u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali u konklużiva.

(2) Meta ċ-*Chairman* isostni rikuża, huwa għandu jaħtar arbitru sostitut.

16. Relevanti wkoll huma dawn id-disposizzjonijiet tar-Regoli dwar l-Arbitraġġ ["L.S. 387.01"] magħmula taħt l-istess Kap. 387:

**6.** Mal-ħatra ta' arbitru, l-arbitru għandu jagħti konferma li jaċċetta l-ħatra tiegħu u jiddikjara l-indipendenza u l-imparzjalità tiegħu skond l-artikolu 23 ta' l-Att.

… … …

**72.** (1) F'każ ta' ksur mill-arbitru ta' xi dmir li għandu in konnessjoni mal-immaniġġar tal-proċedimenti, ir-Reġistratur jista' joħroġ ordnijiet bil-miktub lill-arbitru, liema ordnijiet għandhom jiġu obduti mill-arbitru mill-aktar fis possibbli.

(2) Il-Bord jista' jqabbad lir-Reġistratur biex joħroġ ordnijiet lill-arbitru, jekk, meta jkun qed isegwi l-progress tal-arbitraġġ, jinnota li disposizzjonijiet tal-Att, ta' dawn ir-regoli jew ta' xi linji ta' prinċipju ma jkunux ġew osservati jew li l-arbitru jkun qed jonqos milli jimmaniġġa l-proċess tal-arbitraġġ b'mod effiċjenti.

(3) Meta arbitru jonqos milli josserva l-ordnijiet tar-Reġistratur maħruġa skond din ir-regola, ir-Reġistratur għandu jirraporta b'dawn iċ-ċirkostanzi lill-Bord u l-Bord għandu jiddetermina x'azzjoni dixxiplinari jieħu kontra dak l-arbitru.

(4) F'każ ta' ksur tad-dmir tal-indipendenza mill-arbitru minħabba xi konflitt ta' interess mhux żvelat jew minħabba xi komunikazzjoni irregolari jew xort'oħra ma' xi waħda mill-partijiet jew ma' xi persuna li taġixxi f'isem il-parti, ir-Reġistratur għandu jagħmel rapport bil-miktub lill-Bord li jiġi kkupjat lill-arbitru u lill-partijiet u l-Bord jiddeċiedi x'azzjonijiet għandu jieħu.

(5) Fil-każijiet hawn qabel imsemmija, il-Bord għandu jasal għad-deċiżjoni wara li jkun ta lill-arbitru l-opportunità li jiġi mismugħ u wara li jieħu in konsiderazzjoni dawk il-provi l-oħra neċessarji.

(6) F'dawn il-każijiet, il-Bord għandu l-poter li jieħu azzjoni dixxiplinarja kif huwa jqis neċessarja skond iċ-ċirkostanzi. Il-poteri taċ-Ċentru jinkludu:

(*a*) ordnijiet maħruġa in konnessjoni mal-proċedimenti;

(*b*) it-tneħħija tal-arbitru mill-arbitraġġ;

(*ċ*) it-tneħħija tal-arbitru mill-gruppi tal-arbitri; u

(*d*) l-impożizzjoni ta' skwalifika milli jkun arbitru f'Malta għal perjodu li ma jeċċedix it-tliet snin.

(7) Kull azzjoni meħuda miċ-Ċentru skond din ir-regola hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-partijiet taħt il-liġi applikabbli.

(8) Ebda ħaġa f'din ir-regola ma għandha tillimita r-regoli applikabbli għar-rikuża ta' arbitri fl-Att.

17. Il-kumment magħmul mill-ewwel qorti illi l-għażla ta' arbitri ma hijiex xi "għażla wiesa'" b'ebda mod ma tnaqqas l-indipendenza tal-persua magħżula. Anzi, il-kriterji tal-għażla taħt l-art. 10(3) tal-Kap. 387 huma maħsuba biex il-persuni li jintgħażlu jkunu minn fost dawk li jkollhom mhux biss kompetenza professjonali iżda wkoll integrità.

18. Il-fatt, imbagħad, illi l-għażla tal-arbitru, meta l-partijiet ma jiftehmux dwar il-ħatra, ssir miċ-*chairman* taċ-Ċentru huwa maħsub biex l-għażla ssir minn bniedem indipendenti mill-partijiet, u biex parti ma jkollhiex *voce in capitolo* aktar mill-oħra fil-għażla. Tassew illi ċ-*chairman* jinħatar mill-ministru, u għalhekk jista' b'xi mod jitqies, fi kliem l-ewwel qorti, li "ftit jew wisq hu taht il-kontroll tal-Ministru tal-Ġustizzja"; dan jista' jkollu relevanza meta l-gvern esekuttiv ikun parti fit-tilwima, li ma huwiex il-każ fit-tilwima li għandu l-attur u rarament ikun il-każ fil-klassi ta' tilwimiet milquta bil-kawża tallum. Għalhekk, id-disposizzjoni tal-art. 4(4) tal-Kap. 387, li trid illi ċ-*chairman* u l-membri l-oħra tal-bord "m'għandhomx ikunu suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra", għandha tagħti garanzija biżżejjed ta' indipendenza fil-ħatra tal-arbitru miċ-*chairman* taċ-Ċentru .

19. L-ewwel qorti osservat ukoll illi arbitru ma għandux *security of tenure*, kemm għax jekk jinħatarx f'każijiet partikolari jiddependi fuq "l-għażla soġġettiva" taċ-Ċentru,

u "jista' ma jintgħażel qatt aktar biex iservi ta' arbitru jekk ma jingħoġobx", u kemm ukoll għax jista' jitneħħa mill-grupp ta' arbitri "f'kull żmien".

20. It-tneħħija ta' arbitru minn grupp ta' arbitri – b'mod li għalhekk ma jkunx jista' aktar jinħatar bħala arbitru, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet – hija deċiżjoni amministrattiva li hija soġġetta għal stħarriġ minn qorti. Jekk arbitru jitneħħa minn grupp ta' arbitri "għax ma ngħoġobx", għax deċiżjoni tiegħu f'każ partikolari urtat liċ-Ċentru, dan ikun "għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti", u għaldaqstant jista' jitħassar għax abbuż tas-setgħa taċ-Ċentru, kif igħid u jrid l-art. 469A(1)(*b*)(iii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. It-tehdida ta' tneħħija għal raġunijiet mhux xierqa ma hija għalhekk tehdida xejn, għax hemm ħarsien ġudizzjarju kontra għemil bħal dak.

21. Huwa minnu illi, ukoll jekk ma jitneħħiex mill-grupp ta' arbitri, arbitru jista' ma jintgħażilx biex jinħatar f'każijiet partikolari. Dan, fil-fehma tal-ewwel qorti, jagħti lill-arbitru inċentiv biex "jintgħoġob" billi jagħti deċiżjonijiet li jogħġbu liċ-Ċentru biex hekk jerġa' jinħatar darba oħra. Bl-istess argument, nistgħu ngħidu illi mħallef tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej li wasal biex jispiċċa ż-żmien tal-ħatra tiegħu ma jibqax indipendenti għax ikollu inċentiv li jogħġob lill-gvern ta' pajjiżu fid-deċiżjonijiet jew argumenti deliberattivi tieghu sabiex dan jerġa' jipproponih għal ħatra oħra? Jew li Mhallef jew Magistrat tal-qrati taghna li jkun ser jispicca mill-kariga bl-eta` ma jibqax indipendenti ghax il-gvern esekuttiv jista', wara li jirtira, jahtru f'xi funzjoni jew kariga ohra?

22. Dan, b'tigbid konsiderevoli tal-argument, jista' jkun il-każ jekk it-tilwima tkun dwar ħabta ma' vettura taċ-Ċentru, jew mal-vettura privata taċ-*chairman* jew ta' xi membru tal-Bord. F'każijiet oħra, iżda, huwa raġonevoli li tibża' jew taħseb illi l-meritu ta' deċiżjoni dwar ħabta bejn żewġ vetturi jista' jogħġob jew ma jogħġobx liċ-Ċentru? F'dan il-kuntest, aktar tista' tkun ta' tħassib is-sitwazzjoni ta' mħallef tal-Qorti Ewropea fuq imsemmija li wasal biex jispiċċa ż-żmien tal-ħatra tiegħu u li jittama li jerġa' jinħatar milli s-sitwazzjoni ta' arbitru li jittama li jerġa' jinħatar fuq każ ieħor!

23. Barra minn hekk, jekk arbitru ma jinħatarx miċ-Ċentru fuq każijiet partikolari, jista' dejjem jinħatar mill-partijiet bi qbil.

24. Hemm ukoll il-kwistjoni tas-setgħat ta' dixxiplina li għandu ċ-Ċentru li bis-saħħa tagħhom jista' wkoll jindaħal fit-tmexxija ta' każijiet partikolari u jista' wkoll ineħħi lill-arbitru mhux biss mill-grupp ta' arbitri iżda wkoll minn arbitraġġ partikolari.

25. Is-setgħat ta' indħil fit-tmexxija ta' arbitraġġ jolqtu "l-proċedimenti" u mhux il-meritu. Barra minn hekk, iċ-Ċentru jista' jinqeda b'dawn is-setgħat biss fil-każijiet imsemmija fil-liġi li huma maħsuba biex isaħħu l-effiċjenza u l-korrettezza tal-proċeduri u mhux biex idgħajfu l-indipendenza tal-arbitru. Ukoll, kull deċiżjoni taċ-Ċentru tkun għemil amministrattiv soġġett għal stħarriġ mill-qorti taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għalhekk hemm ħarsien ġudizzjarju kontra kull abbuż ta' dawn is-setgħat.

26. Fuq il-kriterju ta' proporzjonalità jew bilanc bejn, min-naħa l-waħda, l-għan leġittimu tal-benefiċċju li l-istitut tal-arbitraġġ obbligatorju jagħti lill-organizzazzjoni ġudizzjarja ta' pajjiż u, min-naħa l-oħra, il-biża' mġebbed u ipotetiku msemmi fil-paragrafu ta' qabel dan, u fid-dawl tal-klassi ta' tilwimiet soġġetti għal arbitraġġ obbligatorju, fil-fehma ta' din il-qorti ma hemmx tehdida attwali, vera u realistika lill-indipendenza tat-tribunal ta' arbitraġġ fil-kaz konkret tal-appellat Muscat.

*Dwar jekk it-tribunal tal-arbitraġġ huwiex tribunal imparzjali*

27. L-ewwel qorti, minħabba fil-konklużjonijiet tagħha dwar in-nuqqas ta' indipendenza tat-tribunal ta' arbitraġġ, sabet ukoll illi "jeżistu dubbji ġustifikati dwar il-parzjalità oġġettiva tat-tribunal tal-arbitraġġ kemm fir-rigward ta' kif inhu kompost u organizzat kif ukoll dwar il-ħatra u t-tneħħija tal-arbitri". Din il-qorti, għar-raġunijiet miġjuba fuq, ma taqbilx illi t-tribunal ta' arbitraġġ ma huwiex tribunal indipendenti u, għall-istess raġunijiet, ma taqbilx mal-konklużjoni konsegwenti tal-ewwel qorti li t-tribunal lanqas ma huwa oġġettivament imparzjali: billi ma hemmx dipendenza fuq il-partijiet direttament interessati fit-tilwima u hemm ħarsien legali u ġudizzjarju kontra indħil

indebitu mill-awtoritajiet, ma hemmx raġunijiet li joħolqu dubji dwar l-imparzjalità oġġettiva tat-tribunal.

28. Fil-liġi hemm ukoll ħarsien biżżejjed tal-imparzjalità soġġettiva tal-arbitru kemm fl-obbligu taċ-*chairman* taċ-Ċentru illi fil-għażla tal-arbitru "jqis kull ħaġa li x'aktarx tiżgura l-ħatra ta' arbitru indipendenti u imparzjali" u kemm ukoll fid-disposizzjonijiet dwar ir-rikuża. Il-każ imsemmi mill-attur ta' arbitru li jkun avukat li jaħdem f'ditta ta' avukati li għandha *retainer* minn soċjetà assikuratriċi li jkollha interess fil-każ partikolari jew anke interess ġenerali f'tilwimiet dwar inċidenti tat-triq huwa eżempju tajjeb ta' każ fejn l-eċċezzjoni ta' rikuża għandha tingħata u tintlaqa'. Il-fatt illi l-attur ma nqediex bir-rimedju tar-rikuża juri illi lanqas hu ma huwa qiegħed jallega nuqqas ta' imparzjalità soġġettiva fl-arbitru maħtur għall-każ tiegħu.

29. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi t-tribunal ta' arbitraġġ għandu jitqies bħala tribunal imparzjali għal dak li tgħid u trid il-liġi.

*Dwar il-ħtieġa ta' dritt ta' appell*

30. Billi din il-qorti, għar-raġunijiet miġjuba fuq, hija tal-fehma illi t-tribunal ta' arbitraġġ obbligatorju sabiex jisma' tilwimiet bħal dik li dwarha saret il-kawża tallum huwa tribunal indipendenti u imparzjali fih innifsu, ma hemmx il-ħtieġa li tqis jekk id-deċiżjonijiet tat-tribunal humiex soġġetti għal appell sħiħ quddiem tribunal ieħor indipendenti u imparzjali.

*Konklużjoni*

31. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju 2009, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u teħles lill-Prim Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju, u tiċħad it-talbiet magħmula mill-attur fir-rikors promotorju tal-25 ta' Lulju 2008.

32. L-ispejjeż, kemm ta' din l-istanza kif ukoll tal-ewwel istanza, għandu jħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------